*Revoka ta' Mandat ta' Sekwestru*

*Art 836(1)(c)(d) u (f) Kap 12.*

*Penali - Art 836(8)(b) u (d) tal- Kap 12.*

*Danni - Art 836(9) tal-Kap 12.*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 6 ta' Dicembru 2016

**Kawza Numru : 20**

**Rikors Revoka Numru : 966/2016/LSO**

**Rikors Guramentat numru 267/16 LSO**

**Josephine sive Joyce Dimech**

**vs**

**Pasqualino sive Lino Chircop**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors ta' Pasqualino *sive* Lino Chircop (352865M) fit-termini tal-**art. 836** tal-Kap. 12 ghat-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 943/16[1] u ghall-hlas tal-penali u danni datata 28 ta' Ottrubru 2016 fejn espona bir-rispett :

1. Bil-mandat fl-ismijiet premessi, fuq talba tal-attrici, din il-Qorti ssekwestrat is-somma ta' €100,000 *"in kawtela ta' pretensjonijiet vantati fil-kawza fl-ismijiet Josephine sive Joyce Dimech vs Pasqualino sive Lino Chircop – Rik gur. 267/2016 LSO – valur ai fini tal-mandat biss."*[2]

2. Il-kontendenti huma ahwa, ulied il-mejtin Cetta Chircop u Victor Chircop. Cetta Chircop mietet fit-13 ta' Novembru 2015. Victor Chircop miet fis-6 ta' Settembru 2016.

3. L-esponent jidhirlu li l-mandat fl-ismijiet **Josephine *sive* Joyce Dimech vs Pasqualino *sive* Lino Chircop (Sekwestru Nru 943/16)** ghandu jigi revokat *ai termini* tal-**Artikolu 836(1)(c), (d)** u **(f)** billi:

[1] Dokument SK1: Mandat ta' Sekwestru numru 943/16 fl-ismijiet *Josephine sive Joyce Dimech – 379262(M) vs Pasqualino sive Lino Chircop – 352865(M).*
[2] Kawzali dikjarata fis-sekwestru.

(a) hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' l-attrici f'kaz li tinghata ragun fil-kawza taghha (Art. 836(1)(c));

(b) il-pretensjonijiet tal-attrici Josephine Dimech fil-konfront tal-esponent mhijiex *prima facie* gustifikata (Art. 836(1)(d)); u

(c) f'kull kaz mhuwiex ragonevoli li s-sekwestru jinzamm fis-sehh ghal kollox jew in parti u lanqas ma huwa mehtieg jew gustifikabbli. (Art. 836(1)(f)).

**Fatti u Pretensjonijiet ta' l-attrici Josephine Dimech**

4. Hames xhur biss wara li mietet omm il-kontendenti, l-attrici pprezentat kawza biex tiehu sehemha mill-wirt taghha (*Josephine sive Joyce Dimech vs Pasqualino sive Lino Chircop* (Rik Gur. 267/2016 LSO)).

Hija tghid li s-successjoni ta' ommha hija regolata b'zewg testmenti wiehed fl-atti tan-Nutar Mary Grech Pace tat-12 ta' Mejju 1999 u iehor li kitbu n-Nutar Pierre Falzon datat 13 ta' Frar 2015. Bl-ewwel testment, Concetta Chircop iddizeredat lill-attrici Joyce Dimech minhabba li *'**flimkien mal-erba' uliedha u zewgha, pubblikament sawtu lit-Testatrici u ta' dan l-agir instabu hatja mill-Qorti tal-Magistrati. Dan apparti atti ohra ta' mohqrija u disrispett di fronte ghat-Testatrici fl-imghoddi.'*** Hija nnominat lill-esponent Lino Chircop eredi uniku taghha, u ezentatu mill-obbligu tal-kollazzjoni.

Bit-tieni testment tan-Nutar Pierre Falzon, Concetta Chircop tidher li halliet liz-zewg uliedha eredi flimkien, u rrevokat l-ezenzjoni mill-kollazzjoni.

5. Fir-Risposta Guramentata tieghu, l-esponent Lino Chircop eccepixxa li dan it-tieni testment miktub min-Nutar Pierre Falzon huwa null u ma jiswiex, u pprezenta kontro-talba f'dan is-sens minhabba li t-testment ma sarx fil-prezenza u bil-firma ta' zewg xiehda kif trid il-ligi. L-esponent iddikjara wkoll li kien ghad irid jikkonsidra jekk jaccettax il-wirt jew jirrinunzjax ghalih wara li tigi deciza din it-talba tieghu.

<u>Sallum l-esponent Lino Chircop ghadu ma accettax il-wirt ta' ommu Concetta Chircop</u>.

6. Missier il-kontendenti Victor Chircop ilu sitt gimghat biss mejjet, u l-esponent Lino Chircop ghadu ma jistax jghid liema kien l-ahhar testment tieghu, u f'kull kaz ghadu ma ddecidiex jekk jaccettax il-wirt tieghu.

7. **Tlett ijiem biss fuq il-mewt ta' Victor Chircop**, l-attrici pprezentat <u>mandat ta' sekwestru iehor</u> fl-ismijiet *Josephine sive Joyce Dimech vs Pasqualino sive Lino Chircop **u martu Anna Chircop*** (Mandat ta' Sekwestru numru 1308/16) ghas-somma ta' €400,000, *'in kawtela ta' dak spettanti lir-rikorrenti mill-eredita' ta' missier ir-rikorrenti u l-intimat Victor Chircop (KI 195433M) li miet nhar is-6 ta' Settembru 2016, valur indikat ai fini tal-mandat biss.'*

Fit-22 ta' Settembru 2016, l-attrici ziedet is-sekwestratarji f'dan il-mandat bl-inkwilini ta' fondi proprjeta' tal-esponent.

8. **Tlieta u ghoxrin jum wara l-mewt ta' Victor Chircop**, fid-29 ta' Settembru 2016, l-intimata Joyce Dimech ipprezentat kawza ohra kontra l-esponent, din id-darba ghall-qasma tal-wirt tal-missier (*Josephine sive Joyce Dimech vs Pasqualino sive Lino Chircop*, Rikors Guramentat numru 867/2016 LSO). La produciet ic-certifikat tal-mewt ta' Victor Chircop, u lanqas ir-ricerki testamentarji, pero' l-kawza tidher bazata fuq l-istess testmenti tal-omm. Anke f'din il-kawza l-esponent prezenta kontra-talba ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' tat-testment miktub min-Nutar Pierre Falzon datat 13 ta' Frar 2015.

9. **<u>Sal-lum, ghalhekk, l-esponent Lino Chircop la hu eredi ta' ommu Cetta Chircop, u lanqas ta' missieru Victor Chircop.</u>**

***Is-Sekwestru vessatorju u maghmul b'malizzja***

10. Il-pretensjonijiet u t-talbiet dedotti mill-attrici Josephine Dimech bil-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi saru <u>b'malizzja</u>, u fl-ahjar ipotezi, huma <u>frivoli u vessatorji</u>.[3] L-iskop tal-attrici mhux li tikkawtela l-pretensjoni li tghid li ghandha, izda li taghmel pressjoni fuq l-esponent biex jaccetta t-talbiet infondati li qed taghmel kontra tieghu fil-kawza fuq imsemmija.

[3] Ara Art. 836(8)(d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

11. Huwa indikattiv kif kien biss wara kwazi <u>tmien xhur mill-mewt ta' ommha u erba' xhur wara li ntavolat il-kawza</u>, li l-attrici hasset il-bzonn li tikkawtela ruhha bil-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi. Hija ma taghti ebda spjegazzjoni x'inbidel fil-frattemp.

Tant l-attrici agixxiet **b'malizzja bl-iskop biss li taghmel hsara lill-esponent** li fid-9 ta' Settembru 2016 – <u>tlett ijiem biss wara l-mewt ta' missierha</u> – hija ntavolat sekwestru iehor kontra l-esponent **u kontra martu Ann Chircop** ghall-ammont ta' €400,000 (Sekw. 1308/16), u mandat ta' inibizzjoni (Inib. 1309/16 JZM), sabiex l-esponent jinzamm milli jittrasferixxi l-proprjeta' li huwa rcieva minghand il-ġenituri tieghu. Imbaghad fit-22 ta' Settembru 2016, l-attrici ziedet is-sekwestratarji fuq dan it-tieni sekwestru biex tolqot il-kirjiet li jircievi l-esponent, u **<u>din iz-zieda ghamlitha minkejja li fl-atti tal-mandat diga' kienet giet depozitata somma totali kwazi daqs id-doppju tal-ammont dikjarat fis-sekwestru.</u>**

***Garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' l-attrici f'kaz li tinghata ragun fil-kawza taghha (Art. 836(1)(c)).***

*Mandat ta' Inibizzjoni 1309/2016 JZM*

12. Fid-9 ta' Settembnru 2016, l-intimata Joyce Dimech prezentat Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-esponenti **u martu Anna Dimech** (Inib. Nru. 1309/2016 JZM) biex

izzommhom milli jittrasferixxu l-proprjeta' kollha li l-ġenituri tal-partijiet kienu taw b'donazzjoni f'ħajjithom lill-esponent Lino Chircop. Hija ddikjarat li dan il-mandat kienet qiegħda tagħmlu *'in kawtela ta' pretensjonijiet vantati fil-kawża 'Josephine sive Joyce Dimech vs Pasqualino sive Lino Chircop (Rik. Gur. 267/2016 LSO) kif ukoll sabiex tikkawtela dak spettanti lilha mill-eredita' ta' missierha Victor Chircop, … li ai fini tal-mandat biss qegħdin jiġu kwantifikati fis-somma ta' ħames mitt elf ewro (€500,000).'*

Dan il-mandat intlaqa' b'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tad-19 ta' Ottubru 2016. (Dok. A)

*Depożiti wara l-Mandati ta' Sekwestru.*

13. Wara l-Mandat ta' Sekwestru fl-ismijiet premessi ġew depożitati fir-Reġistru ta' din il-Qorti s-segwenti flejjes:

Cedola ta' Depożitu numru 1081/16 (BOV) - **€100,000** (ta' Lino Chircop)
Cedola ta' Depożitu numru 1132/16 (APS) - **€42,963** (ta' Lino Chircop)
Cedola ta' Depożitu numru 1513/16 (BOV) - **€24,641.83** (ta' Lino Chircop)
*(Bl-istess cedola ġew depożitati flus maqbuda bis-sekwestru 1308/16 appartenenti lil Anna Chircop mart l-esponent Lino Chircop - **€229,823.66**).*

12. Wara l-Mandat ta' Sekwestru Numru 1308/16 ġew depożitati fir-Reġistru ta' din il-Qorti is-segwenti flejjes:

Cedola ta' Depozitu numru 1511/16 (APS) - **€318,981.85** (ta' Anna Chircop);

13. F'kaz li l-attrici tinghata ragun fil-meritu ghat-talbiet taghha, u fil-wirt tal-omm jirrizulta li ma fadal xejn, l-attrici jkollha jedd biss ghal nofs id-differenza li tista' tirrizulta bejn id-donazzjonijiet li rceviet hi, u dawk li rcieva l-esponent. Nofs id-differenza ma jista' qatt jeccedi l-valur tal-proprjeta' kollha li rcieva l-esponent b'donazzjoni minghand ommu, u li huwa mizmum milli jbiegh bil-Mandat ta' Inibizzjoni.

14. Il-garanzija li b'hekk l-attrici ghandha bil-Mandat ta' Inibizzjoni mitlub minnha stess huwa hafna aktar minn sufficjenti sabiex tissodisfa l-pretensjonijiet taghha, u ghalhekk ma hemmx lok ta' mandati ohra.

***Pretensjonijiet tal-attrici Josephine Dimech mhix prima facie gustifikata (Art. 836(1)(d)).***

15. Il-jedd tal-attrici ghas-sehem mill-wirt ta' omm il-partijiet jitwieled *prima facie* meta l-attrici turi:

(i) li hija l-eredi ta' ommha (hemm talba gudizzjarja ghal dikjarazzjoni ta' nullita' tat-testment li bih tippretendi li hija eredi);

(ii) li l-esponent huwa eredi ta' ommu (ghadu mhuwiex ghaliex ghadu ma accettax il-wirt taghha sakemm tigi deciza l-kwistjoni tal-validita');

Billi l-esponent ghadu mhux eredi, ma tistax issir xi kollazzjoni da parti tieghu dwar dak li rcieva minghand ommu b'donazzjoni. Jekk l-esponent jaccetta l-wirt ta' ommu, dak dovut lill-attrici ma jista' qatt jeccedi l-valur ta' nofs dak li l-esponent ircieva minghand ommu b'donazzjoni, kemm ghaliex f'dak il-kaz il-wirt irid jinqasam bejniethom, u anke ghaliex l-attrici wkoll irceviet gid ingenti minghand ommha.

16. Fl-ahjar ipotezii ghall-attrici li (i) it-testment ta' Cetta Chircop redatt min-Nutar Pierre Falzon mhux skont il-ligi ma jigix dikjarat null; (ii) l-esponent jaccetta l-wirt ta' ommu, u (iii) ma jkunx hemm gid bizzejjed fil-wirt taghha minn fejn l-attrici tiehu sehemha wara li ssir il-kollazzjoni, allura hemm taghmel tajjeb ghad-differenza l-proprjeta' kollha mizmuma bil-mandat ta' inibizzjoni, u li hija proprjeta' esklussiva tal-esponent.

***Mhuwiex ragonevoli li s-sekwestru jinzamm fis-sehh ghal kollox jew in parti u lanqas ma huwa mehtieg jew gustifikabbli. (Ar. 836(1)(f)).***

17. Ghall-istess ragunijiet, lanqas ma huwa ragonevoli fic-cirkostanzi fuq esposti li dan is-sekwestru jinzamm fis-sehh.

L-attrici taf li huha ghandu bizzejjed assi proprji biex tkun tista' tesegwixxi kwalunkwe decizjoni fil-meritu li din il-Qorti tista' taghti fil-kawza fuq imsemmija. L-esponent jghix

principalment bir-renti tal-kera fuq proprjeta' zviluppata minnu stess. Dan ilu jaghmlu ghal diversi snin u zgur li l-esponent ma ghandu ebda hsieb li jizvesti ruhu minn gidu kollu b'mod li ma jibqaghlux biex jghix. **Huwa aktar minn ovvju li t-talba ghall-hrug ta' dan il-mandat kienet wahda <u>vessatorja</u> u <u>saret b'malizzja</u> biex twegga' lill-esponent u taghmel pressjoni fuqu.**

18. L-attrici tant kienet malizzjuza u riedet taghmel hsara li sahansittra kkomunikat ma' kuntrattur imqabbad mill-esponent biex ma jkomplilux bix-xoghol *'ghax dak zammejtlu flusu kollha u ma jistax ihallsek'*.

***Penali u Danni***

19. Ghar-ragunijiet spjegali, huwa car li l-uniku skop tal-attrici filli talbet il-hrug ta' dan il-mandat huwa biex taghmel hsara lill-esponent. Hija taf tajjeb li l-esponent huwa finanzjarjament b'sahhtu, u ma ghandha ebda raguni li tiggustifikaha tibza' li ma tkunx tista' tezegwixxi sentenza favorevoli ghaliha biex tiehu sehemha mill-wirt ta' ommha.

20. L-attrici qatt ma nterpellat lill-esponent qabel ipprocediet bil-mandat, u fil-verita` xejn ma kien jinteressaha x'seta' jwiegeb l-esponent ghal interpellazzjoni simili.

21. **Il-vessatorjeta' u l-malizzja tal-attrici tohrog ukoll mill-mod kif baqghet izzid id-doza tal-mandati meta ntebhet li setghet ma kinetx qed twegghu bizzejjed lill-**

**esponent.** Ma kienx jinteressaha li l-ammont li originarjament talbet li jigi kawtelat – u aktar – gie depozitat fl-atti tal-mandat, u li hemm proprjeta` li teccedi bil-bosta l-pretensjoni taghha taghmel tajjeb wara l-mandat ta' inibizzjoni.

22. Konsegwentement, hemm lok sabiex *ai termini* tal-**artikolu 836(8)(b)** u **(d)** tal-Kap. 12, din il-Qorti tikkundanna lill-attrici sekwestranti thallas penali, ghaliex (i) ic-cirkostanzi tal-esponent huma tali li ma jaghtu lok ghal ebda dubju dwar il-likwidita' tieghu u l-kapacita' li jhallas, u dan l-attrici tafu tajjeb; (ii) naqset li tinterpella lill-esponent fit-terminu ta' hmistax-il jum qabel gie intavolat il-mandat kif tistabilixxi l-ligi, u (iii) it-talba taghha ghall-hrug tal-mandat fic-cirkostanzi fuq spjegati saret b'malizzja u hija wkoll wahda frivola u vessatorja.

23. Il-gurisprudenza tal-qrati taghna f'materja ta' abbuz tad-dritt procedurali ghal hrug ta' mandat kawtelatorju kienet esposta u abbraccjata fil-provvediment wara t-talba ghat-thassir tal-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet **Pauline Vassallo vs The Eden Foundation et**:

*"Il-jedd li wiehed idur ghal rimedji gudizzjarji ma ghandux jitbiddel f'abbuz tal-procedura bil-hsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragh, igib lill-parti avversarja f'qaghda li jkollha ccedi ghar-rikatt, ghandha jew m'ghandhiex ragun. Kien ghalhekk ukoll li fil-qafas ta' kwistjoni ta' din l-ghamla, il-Qrati taghna, minn zmien ghal zmien, fissru l-limiti u c-cirkostanzi dwar fejn u kif jista' jitqies li jkun sehh abbuz*

*mill-process gudizzjarju bi hsara ghal haddiehor … l-abbuz tal-process gudizzjarju "jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' (Emanuele Calleja (vs) Carmelo Grima - Kollez. VoL XXXIX.1.24) nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza ("Agius (vs) Dott. Carbone nomine" – Kollez. Vol. XIII.434), fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio … ("Mugliette (vs) Bezzina" - Kollez. Vol. XXVI.1.405) … l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:- "Il diritto cessa dove comincia 'abbuso ... ... riteniamo che basta, per protteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano i bisogni della societa: di aderire al concetto generale che tutti i diritti hanno dei limiti".*[4]

**Talba**

24. Ghar-ragunijiet kollha fuq spjegati, prevja kull provvediment iehor li jidhrilha opportun, l-esponent jitlob bir-rispett li din il-Qorti **b'urgenza** kif mahsub fl-Artikolu 836(4) tal-Kap 12, joghgobha:

(i) tirrevoka u thassar il-mandat ta' sekwestru fl-ismijiet premessi;

[4] Prim'Awla, 3.4.2008

(ii) tordna r-rilaxx favur l-esponent tal-flus kollha (jew kull ammont iehor verjuri li tista' tiddeciedi din il-Qorti) depozitati fl-atti tal-istess mandat ta' sekwestru 943/16;

(iii) tikkundanna lill-attrici sekwestranti ghall-hlas ta' penali u danni (inkluzi l-ispejjez legali inkorsi fid-depozitu tal-flus u ghall-izbank) kif mahsub fl-artikolu 836(8)(b) u (d), u 836(9) tal-Kap 12.

B'rizerva ghal kull jedd kompetenti lill-esponent kontra l-attrici, inkluz ghall-hlas tad-danni ulterjuri.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-28 ta' Ottubru 2016 (fol 39) fejn il-Qorti ordnat n-notifika lill-kontro parti li permezz ta' nota fi zmien sebat ijiem min-nofitika tal-istess ghandhom jaghtu r-ragunijiet ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti m'ghandhomx jintlaqghu; u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Novembru 2016 fl-10:00am.

**Rat ir-risposta** ta' **Josephine sive Joyce Dimech [K.I. 379262(M)]** ghar-rikors ta' Pasqualino sive Lino Chircop [K.I. 352865(M)] fit-termini tal-att **836 (1)** tal-Kap 12 **ghat-thassir tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 943/16** u ghall-hlas tal-penali pprezentat nhar it-28 ta' Ottubru 2016, datata 14 ta' Otturbu 2016 fejn esponiet bir-rispett:

1. Illi l-esponenti topponi ghat-talbiet tar-rikorrenti kontenuti fir-rikors pprezentat minnu nhar it-28 ta' Ottubru 2016 ghal diversi ragunijiet;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, li kieku r-rikorrent ghamel talba sabiex il-flejjes maqbuda lilu u lil martu u depozitati fir-Registru tal-Qorti bis-sahha tal-mandati ta' sekwestru numru 943/16 u 1308/16 in eccess tal-ammont komplessiv ta' €500,000 (l-ammont kawtelat bis-sahha tal-mandati) jigu rilaxxati lura, l-esponenti ma kien ikollha l-ebda diffikolta` li taqbel ma' dan u hija disposta li taghmel dan ghaliex dan huwa legalment korrett;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-aggravji mqajjma mir-rikorrent in sostenn tat-talba tieghu ghar-revoka ta' dan il-mandat huma privi minn kull fundament guridiku u fattwali;

4. Illi bir-rispett jigi rilevat li l-istess argumenti li r-rikorrent qieghed igib f' dan ir-rikors huma l-istess argumenti li ressaq quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1309/2016/JZM u li gew michuda mill-istess Qorti fid-digriet taghha fejn laqat b'mod definittiv it-talba tal-esponenti ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konjugi Chircop; [Kopja tar-risposta tal-konjugi Chircop fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1309/2016 JZM annessa u mmarkata Dok JD1];

5. Illi in oltre hafna mis-sottomissjonijiet maghmula fir-rikors *de quo* tat-28 ta' Ottubru 2016 huma kollha sottomissjonijiet li jolqtu l-mertu tal-kawzi pendenti quddiem

din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta bin-numri 267/16 LSO u 867/16 LSO u din l-Onorabbli Qorti f'dan l-istadju ta' deliberazzjoni dwar jekk mandat kawtelatorju ghandux jibqa fis-sehh jew le hija prekluza milli b'xi mod tittratta l-mertu u l-istess deliberazzjoni ghandha tieqaf fil-punt fejn jigi accertat jekk il-persuna li talbet il-hrug tal-mandat kawtelatorju ghandhiex dritt *prima facie* x'tikkawtela u jekk l-istess pretensjoni hijiex adekwament kawtelata;

6. Illi f'dan l-istadju kif ammess mill-istess Pasqualino Chircop hemm testament li jistipula li kemm hu kif ukoll l-esponenti huma eredi tal-genituri taghhom u li l-istess eredi ma humiex ezenti mill-kollazzjoni;

7. Illi jekk l-istess Pasqualino Chircop qed jattakka l-validita` ta' l-istess testament (kif ghandu kull dritt li jaghmel) ma jfissirx li ghalhekk l-esponenti ma ghandhiex dritt *prima facie* x'tikkawtela). Inoltre l-esponenti ma waqfitx mal-prezentata tal-mandati in kwistjoni izda adixxiet lil din l-Onorabbli Qorti bil-pretensjonijiet taghha u fethet il-kawzi opportuni in sostenn ta' l-istess mandati;

8. Illi bl-istess mod din l-Onorabbli Qorti f' dan l-istadju ma tistax tiehu konjizzjoni tas-sottomissjoni tar-rikorrent Pasqualino Chircop li jsostni sal-lum ghadu ma accettax l-eredita' ta' ommu u ta' missieru. Din hija kwistjoni li tolqot il-mertu tal-kawza. Bl-istess mod li s-Sur Chircop isostni li ma accettax il-wirt tal-genituri tieghu, l-esponenti ssostni li fil-fatt huwa accettah u ma jistax jirrinunzja ghalih gjaladarba fost affarijiet ohra zamm ghalih hwejjeg appartanenti l-

eredita'. Din kwistjoni li trid tigi trattata minn din l-Onorabbli Qorti meta tigi biex tittratta l-mertu tal-kawza izda certament mhux f'dan l-istadju.

9. Illi anke s-sottomissjonijiet ghal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni da parti tar-rikorrent ta' vessatorjeta u malizzja huma bla bazi. Ma hemmx xejn fil-ligi li jistipula z-zmien u f' liema stadju tal-kawza parti tista' tipprezenta talba ghal hrug ta' mandat in kawtela tal-pretensjonijiet taghha. Inoltre l-esponenti ghamlet il-mandati *de quo* meta hija giet infurmata li Pasqualino Chircop kien qieghed jipprova jizvesti ruhu mill-assi tieghu sabiex jeludi kwalunkwe cans ta' esekuzzjoni f'kaz ta' ezitu favorevoli ghall-esponenti. Ghal darb'ohra l-esponenti tiddikjara li ma ghandha l-ebda diffikulta li tati l-kunsens taghha ghar-rilaxx ta' dawk il-flejjes in eccess ta' hames mitt elf ewro (€500,000) depozitati mis-sekwestratarji fl-atti tal-mandati in kwistjoni u li s-sekwestratarji jigu notifikati li ma hemmx htiega li jiddepozitaw flejjes ohra izda certament ma taqbilx li l-mandati *de quo* jigu revokati fl-intier taghhom b'dan li r-rikorrenti Pasqualino Chircop ikun jista' jizbanka ukoll is-somma ta' hames mitt elf ewro (€500,000) kawtelata permezz tal-mandati ta' sekwestru *de quo*.

10. Illi bir-rispett ghal kuntrarju ta' dak li jallega r-rikorrent Chircop, l-esponenti uzat kawtela kbira meta giet biex tipprezenta l-mandati ta' sekwestru in kwistjoni. Hi indikat bhala valur *ai fini* tal-mandat biss s-somma komplessiva ta' hames mitt elf ewro (€500,000) u dan ghal dak li jolqot kemm l-eredita' ta' ommha kif ukoll dak ta' missierha. Minn

harsa biss lejn il-lista tal-proprjeta` kollha moghtija b'donazzjoni lir-rikorrenti Chircop mid-*decuius*, din l-Onorabbli Qorti wahedha ser tintebah kemm kienet konservattiva l-esponenti fis-somom minnha indikati. [Kopja tar-ricerki ta' Pasqualino Chircop annessi u mmarkati Dok JD2].

11. Illi jidher li r-rikorrent Chircop sfuggilu, meta jilmenta mill-fatt li gew notifikati inkwilini tieghu bil-mandati *de quo* bhala sekwestratarji, dak li jipprovdi l-Art. 928 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li flimkien mal-kollazzjoni jridu jithallsu l-frottijiet u l-imghaxijiet ta' tali oggetti mertu tal-kollazzjoni sa mid-data tal-ftuh tas-successjoni;

12. Illi finalment jekk fil-fatt kif isostni Pasqualino Chircop ghandu assi bizzejjed sabiex jaghmel tajjeb ghal pretensjonijiet ta' l-esponenti, certament li ma kellux isib diffikolta li joffri garanzija bankarja lill-ohtu ta' l-ammont kawtelat u dan sabiex jinheles mill-effetti tal-mandat.

13. Illi fil-verita' r-rikorrent Chircop jaf li ma ghandux assi proprji sabiex jaghmel tajjeb ghal pretensjonijiet ta' ohtu u huwa f'dan is-sens li jallega li ma accettax il-wirt t'ommu u ta' missieru u dan bhala hajt ta' kenn f'kaz li ma jirnexxilux jipprova li l-ahhar testment ta' ommu u missieru huwa null;

14. Illi finalment t-talba ghal hlas ta' danni u penali mressqa mir-rikorrenti Pasqualino Chircop ghandha tigi michuda, fl-ewwel lok ghaliex hija nfondati kif ser jirrizulta fil-mori ta' dawn il-proceduri u fit-tieni lok r-rikorrent fir-

rikors tieghu imkien ma jindika x'inhuma d-danni li jilmenta minnhom;

Tant ghandha x'tissottometti f' dan l-istadju l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti b'rizerva li taghmel sottomissjonijiet ulterjuri u tressaq dokumenti ohra jekk ikun il-kaz waqt l-udjenza skedata b'rabta mar-rikors *de quo.*

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis 17 ta' Novembru 2016 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr Pawlu Lia ghar-rikorrent prezenti u Dr Franco Galea ghall-intimata prezenti. Id-difensuri qablu li x-xhieda fuq dan ir-rikors ghandha tghodd ukoll ghaz-zewg rikorsi l-ohra fuq il-lista tal-lum - Cit Nru: 967/2016 u Cit Nru: 968/2016, u kif ukoll ghall-kawzi, li huma pendenti quddiem din il-Qorti fl-istess ismijiet. Xehdet bil-gurament taghha l-intimata ezekutanti Josephine *sive* Joyce Dimech, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Ir-rikors gie differit ghal digriet ghas-6 ta' Dicembru 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan hu rikors ipprezentat minn Pasqualino Chircop ghar-revoka ta' mandat ta' sekwestru bin-numru 943/16 li nhareg fuq talba tal-intimata ezekutanti Josephine Dimech

in kawtela tal-pretensjonijiet vantati minnha fir-rigward ta' sehemha mill-wirt ta' ommha.

Ikkonsidrat li r-rikorrent qed jitlob it-thassir fis-shih tal-Mandat ta' Sekwestru premess billi jissottometti *inter alia* li l-pretensjonijiet ta' Josephine Dimech huma diga kawtelati. Dan ighidu abbazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

Il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni mhuwiex gustifikat *stante* l-mandat ta' Inibizzjoni vigenti 1309/16 JZM, fl-istess ismijiet fuq l-immobli provenjenti lir-rikorrent odjern mill-ġenituri tieghu. Ghalhekk, ir-rikorrent qed jikkontendi li anke f'kaz li Joyce Dimech tinghata ragun fil-mertu, l-pretensjonijiet taghha huma diga kawtelati u kwindi mhuwiex ragonevoli li jinzamm fis-sehh ukoll il-Mandat ta' Sekwestru numru 943/16.

Illi tajjeb li wiehed jirrevedi l-proceduri istitwiti mill-intimata ezekutanti .Hi qed tippretendi sehem ta' nofs (1/2) mill-wirt tal-genituri tal-kontendenti, Concetta u Victor Chircop. Dan huwa kkontestat mir-rikorrent odjern billi kienet giet dizeredata bl-ewwel testment taghhom izda mhux bit-tieni. Effettivament qed jimpunja l-validita' tat-tieni testment. Jghid ukoll li billi ghadu ma accettax il-wirt la ta' ommu u lanqas ta' missieru, ghadu mhuwiex eredi.

In kawtela tad-drittijiet taghha, inkluzi dawk fuq il-beni moghtija lir-rikorrent odjern b'titolu ta' donazzjoni *vita durante* mill-genituri taghhom, l-intimata oderna Joyce

Dimech talbet u ottjeniet il-hrug tas-segwenti mandati kawtelatorji:

i. 23 ta' Gunju 2016 Mandat Sekwestru 943/16 istitwit kontra Lino Chircop ghall-valur dikjarat ghall-iskop tal-mandat ghal sehemha mill-wirt ta' ommha Concetta Chircop - €100,000.

ii. 9 ta' Settembru 2016 Mandat Sekwestru 1308/16 istitwit din id-darba kontra Lino u martu Anna Chircop ghall-valur dikjarat ghall-iskop tal-Mandat ghal sehemha mill-wirt ta' missierha Victor Chircop - €400,000. Hu pacifiku li Anna Chircop mhix eredi fil-wirt in mertu.

iii. 9 ta' Settembru 2016 Mandat ta' Inibizzjoni 1309/16/JZM fuq diversi proprjetajiet immobiljari bil-valur dikjarat ghall-fini ta' dan l-ahhar mandat ta' €500,000

Wara l-mandati ta' sekwestru imsemmija gew depozitati ammonti li komplessivament jeccedu is-somma ta' €500,000 u li jinkludu flejjes li kienu depozitati f'kontijiet bankarji f'isem Anna Chircop wahidha. Dan kif jinsab dettaljat fir-rikors promotur u sorrett mid-dokumenti esebiti.

Fit-22 ta' Settembru 2016 gew mizjuda diversi sekwestratarji ma dawk originarjament notifikati fiz-zewg mandati sabiex inqabdu kirjiet li jircievu is-sekwesrati.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta’ Dritt:</u>**

Illi dan ir-rikors qed isir abbazi tal-**artikolu 836 (1) (c),(d), u (f) tal-Kap 12** li jipprovdi:

*“836. (1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intimat li jkun inhareg att kawtelatorju kontrih jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella jekk tkun saret kawza, jista’ jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox jew f’parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:*

*- omissis -*

*(c) jekk ikun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta’ min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta’ att kawtelatorju iehor jew inkella dik il-garanzija ohra tista’ ghas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed pretensjoni;*

*(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx ‘prima facie’ gustifikat jew ikun eccessiv; jew*

*- omissis-*
*(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.”*

Illi kif inghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed 'prima facie' u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet (Ara P.A. (RCP 7 ta’ Frar 2001 (**“Visa Investments Ltd. vs Blye Engineering Co. Ltd.”**).

Illi ghandu jinghad ukoll li dak li l-Qorti trid tasal ghalih f'dawn il-proceduti ma ghandu bl-ebda mod jitqies li jkun qieghed sir xi gudizzju fil-mertu dwar. L-istharrig mehtieg fi procedura bhal din huwa marbut ma ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qieghed jintalab ir-revoka. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv. (Ara Kumm. GMA 23 ta' Gunju 1994: **"Paul Hili et vs Dr. Joselle Farrugia nomine et"**). Illi dan ifisser illi l-Qorti ghandha tistharreg fl-ewwel lok jekk jirrizultax mad-daqqa t'ghajn li l-intimata ezekutanti ghandha bazi ta' pretensjoni. Fl-istharrig taghha il-Qorti trid tkun gwidata mill-principju li d-dritt ghal azzjoni gudizzjarja ma ghandux jigi mxejjen jew imgarrab b'leggerezza u l-iehor daqstant siewi li huwa dritt li persuna thares l-interessi taghha sakemm il-jedd sostantiv lilha kkontestat jigi definit minn Qorti. ("**Vincent Mercieca vs George Galea**" – P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001; **"Technobroadcast s.r.l. vs Mediterranean Broadcasting Limited"** - P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2007).

Il-Qorti ser tghaddi biex tezamina is-subartikoli citati mir-rikorrent fid-dawl tal-fatti li ghandha quddiemha.

**L-Art. 836(1)(c)**

F'dan il-kuntest, jinghad li sabiex il-Qorti tasal ghat-thassir ta' mandat skont l-**artikolu 836(1) (c) tal-kap 12**, din il-Qorti trid tkun sodisfatta li hemm garanzija ohra xierqa li tista' tassigura l-pretensjoni dovuta. (ara **Mabrouk Limited**

**vs Joseph Ciantar**, P.A. (JZM) deciza fl-10 ta' Jannar 2013.

Referribbilment ghal dan is-subinciz, 836(1)(c), ir-rikorrent indika l-mandat ta' Inibizzjoni numru 1309/16 JZM li gie degretat finalment fid-19 ta' Ottubru 2016, **Dok SK3** (fol 25-31), liema mandat ghadu vigenti. Permezz ta' dan il-mandat, Pasqualino Chircop gie mizmum milli jbiegh u jitrasferixxi l-proprjetajiet kollha li kienu tawh il-genituri taghhom b'donazzjoni f'hajjithom, in kawtela tal-pretensjonijiet tal-intimata ghal dak spettanti lilha ladarba hi qed tikkontesta fil-mertu proprju d-donazzjonijiet li saru matul hajjet il-genituri taghha lil huha r-rikorrent.

Illi r-rikorrent issottometta li kemm-il darba l-intimata tinghata ragun fil-mertu tal-kaz, fejn hi qed tikkontesta d-donazzjonijiet li saru mill-genituri taghha, in effetti ghandha pretensjoni biss ghan-nofs id-differenza bejn id-donazzjonijiet li rceviet hi u dak li rcieva r-rikorrent. Dan is-sehem ma jista' qatt jeccedi l-proprjeta` kollha li rcieva r-rikorrent b'donazzjoni minghand ommu u missieru u li hu mizmum milli jbiegh jew jitrasferixxi bil-Mandat ta' Inibizzjoni imsemmi. Illi mir-risposta tar-rikorrent fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni premessa, esebita in atti, hemm indikat mhux biss li ohtu rceviet beni sostanzjali b'donazzjoni mill-genituri, li allura ghandhom jigu kkalkolati ghall-fini tal-kollazzjoni bejn l-ahwa, imma wkoll li tlieta mill-proprjetajiet immobbiljari milquta bil-mandat ma gewx ghandu b'donazzjoni imma inxtraw minnu. Dan kollu jolqot il-mertu tal-kawzi izda din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li anke l-intimata odjerna rceviet immobbli ta' certu valur li, f'dawn l-atti, lanqas ma gie ikkontestat.

F'dan il-kuntest, l-avukat difensur tal-intimata ezekutanti ssottolinea kemm fir-risposta, kif ukoll fit-trattazzjoni, li ma jaqblux li l-mandat ta' sekwestru *de quo* jigi revokat fl-intier tieghu, izda lest li taghti kunsens ghar-rilaxx in eccess ta' (€500,000). Jigi osservat, li dak propost mill-intimata odjerna hu li l-mandat ta' sekwestru jigi revokat 'in parte', u mhux *in toto*. Fil-fatt, dan jimplika li l-intimata hi a konoxxenza tal-fatt li pretensjonijiet taghha huma kawtelati b'mod aktar milli sufficjenti. Difatti, l-intimata qed tikkampa fuq l**-artikolu 928 tal-Kodici Civili** fil-hdax il-paragrafu tar-risposta, li jghid li flimkien mal-kollazzjoni jridu jithallsu l-frottijiet u l-imghaxijiet tal-oggetti mertu tal-kollazzjoni. Dan irid certament jigi kkunsidrat fil-kawza fil-mertu, izda mhux f'din il-procedura fejn l-analizi li qed issir hi biss fuq bazi 'prima facie'.

Illi hekk kif gie ribadit fil-gurisprudenza nostrana, "*Il-mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u jridu jintuzaw biex jigu salvagwardati l-interessi ta' min jitlob il-hrug taghhom……..kreditur ghandu dritt jitlob il-hrug ta' kull mandat permess bil-ligi, pero` ghandu jikkontrolla l-effetti taghhom hu stess u jekk jara li hu kopert aktar milli hu mehtieg, ghandu jirregola ruhu u jitlob hu stess it-tnaqqis jew thassir ta' xi mandat partikolari. Il-mandati m'ghandhomx jintuzaw bhala magna ta' estorzjoni izda bid-debita prudenza.*" (Ara **Josephine Sammut vs Emanuel** Sammut et P.A. TM (275/2003) - 3 ta' Lulju 2003; **Paul Attard et vs Catherine Gatt proprio et noe**, P.A. AF – 6 ta' Ottubru 2011)

Fil-kaz **Av. Dr. Antonio Caruana vs Giuseppe Fenech**, App Civili - 10 ta' Novembru 1961) inghad:

*"Huwa veru li bhala principju, att ezekuttiv ma jeskludix atti ezekuttivi ohra, b'mod li l-kreditur ghandu dritt jesegwixxi t-titolu tieghu bil-mezzi kollha moghtija mil-ligi; izda kull kaz ghandu l-fattizzi partikolari tieghu. Nonostante li l-att ezekuttiv ma jezawrixxix att iehor, u l-atti ezekuttivi jistghu jigu kumulati, f'kull kaz il-kwistjoni hi dejjem jekk l-ezekuzzjoni ulterjuri b'atti ohra hijiex necessarja jew utli ghall-interess tal-kreditur biex jottjeni l-hlas tal-kreditu tieghu kollu."*

Issa, dwar il-fattispecje tal-kaz in ezami, dejjem fuq bazi 'prima facie', jirrizulta li hemm testament li *huwa prima facie* validu, u l-kawzi civili pendenti ghad iridu jaghtu gudizzju dwaru. Izda, min-naha l-ohra, kif gie rilevat mill-avukat difensur tar-rikorrent kemm fir-rikors promotur u kif ukoll fit-trattazzjoni, ghad m'hemmx accettazzjoni tal-wirt da parti tar-rikorrent. Dan il-fatt ma giex kontradett mill-kontro-parti, anzi gie kkonfermat mill-avukat difensur tal-intimata ezekutanti, li ghad ma hemmx accettazzjoni u lanqas rinunzja formali tal-wirt, ghalkemm hemm kontestazzjoni dwar jekk jistax jirrinunzja billi l-intimata issostni li ghamel atti *di erede* (para 8 tar-risposta). Ladarba, hu stabbilit anke fil-gurisprudenza[5], li kull mandat jikkreja inkonvenjent lid-debitur, l-inkonvenzjenza *ut sic* mhuwiex fattur li ghandu jxejjen id-dritt ta' kull kreditur li jikkawtela l-pretensjoni tieghu. Izda, f'ambitu ta' ragonevolezza, hija l-Qorti li trid izzomm il-bilanc bejn id-

---

[5] **Multi Packaging Ltd vs Mary Rose Pace proprio et noe** – P.A. – 29 ta' Lulju 2014.

drittijiet taz-zewg partijiet jekk dan ma jkunx sar mill-ezekutant innifsu minn jeddu.

Difatti, min jipprezenta l-mandat ghandu l-obbligu li jara li mhux qed ikun kawtelat doppjament, jew aktar milli hu mehtieg. Kif intqal fil-kaz **Josephine Sammut vs Emanuel Sammut e**t P.A. (TM) (423/05):

*"Mandati kawtelatorji huma, min-natura taghhom sikkanti fuq il-pretiz debitur, specjalment meta, fl-istadju li jinhargu, ma jkunx ghad hemm determinazzjoni tal-pretensjoni tal-kreditur, u kwindi ghandhom jigu kkontrollati kontinwament, u l-htiega jew l-estensjoni taghhom ivverifikata skont ic-cirkostanzi."*

Ghaldaqstant, din il-Qorti hi tal-fehma, li ladarba l-kontestazzjoni fil-mertu da parti tal-intimata ezekutanti titratta d-donazzjonijiet dwar il-proprjetajiet ghall-eventwali kollazzjoni pretiza, u *di piu'* jirrizulta li gew milquta proprjetajiet li mhumiex soggetti ghall-kollazzjoni billi ma gewx donati, l-mandat ta' Inibizzjoni *in vigore* qed jikkawtela sufficjentement il-pretensjonijiet rikorrenti. Inoltre huwa ragjonevolment desunt li l-ezitu tal-kawza fil-mertu ser jolqot parti biss minn dawn. Ghalhekk taqbel ma' dak sottomess mill-avukat difensur tar-rikorrent, li l-mandati ta' sekwestru li gew ipprezentati mhumiex necessarji biex jikkawtelaw pretensjonijiet naxxenti minn dritt pretiz ta' kollazzjoni fuq il-proprjeta` li tinsab identifikata u diga maqbuda anke *in visto* tal-fatt li ghad irid isir ezercizzju ta' ekwiparazzjoni bejn iz-zewgt ahwa.

Ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, jitqies li l-mandat kawtelatorju indikat mir-rikorrent, u cjoe` l-mandat ta' inibizzjoni 1309/2016/JZM, f'dan il-kaz hu validu u effettiv bizzejjed billi jissodisfa r-rekwiziti mehtiega biex jikkawtela u jassigura b'mod sufficjenti l-pretensjonijiet ta' l-intimata ezekutanti Josephine Dimech.Il-Qorti ghaldaqstant ser tghaddi biex tilqa' t-talba ghar-revoka tal-mandat ta' Sekwestru odjern abbazi tal-**artikolu 836(1)(c) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fid-dawl tal-premess ma hemmx htiega li din il-Qorti tezamina t-talba odjerna abbazi tas-subincizi **836(1)(d) u (f) tal-Kap 12.**

**<u>Artikolu 836 (8) u (9) tal-Kap 12</u>**

Illi saret talba wkoll sabiex l-intimata ezekutanti tigi kkundannata thallas penali abbazi tal-artikolu **836(8)(b) u (d) u** danni a tenur tal-**artikolu 836(9) tal-Kap 12.**

L-**artikolu 836(8) tal-Kap 12** jipprovdi:

*"il-Qorti tista' tikkundanna lir-rikorrent li jkun inhareg att kawtelatorju fuq talba tieghu sabiex ihallas penali ta' mhux inqas minn elf, mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u mhux izjed minn sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (6,988.12) li jmorru ghand il-persuna li kontriha jkun inhareg l-att kawtelatorju, f'kull kaz minn dawn li gejjin:*

*(b) jekk, fit-talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att*

*kawtelatorju kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta` bizzejjed:*

*Izda, d-dispozizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug ta' mandat;*

*(d) jekk it-talba tar-rikorrent tkun wahda li ssir b'malizja, tkun frivola jew vessatorja."*

Il-qorti fid-diskrezzjoni taghha, tista' taqbel li tghabbi lil min ikun hareg mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' hlas ta' penali. Minabarra li tali impozizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera ghas-sodisfazzjon tal-qorti li trid tkun sehhet wahda mic-cirkostanzi mahsubin mil-ligi biex tali sanzjoni tigi imposta. Erbgha huma c-cirkostanzi elenkati fl-artikolu 836(8) f'dan ir-rigward, u ladarba hemm sanzjoni punittiva ghandhom jitqiesu bhala tassattivi. (ara **"Farrugia vs C&F Building Contracters Ltd**." –P.A. (JRM) – 14 ta' Awwissu 2014, "**Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd"** – P.A.(TM) – 13 ta' Marzu 2003, "**Spiteri vs Darmanin"** – P.A. (JRM) 25 ta' Awwissu 2010).

Illi dwar din id-diskrezzjoni nghad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirrizultaw l-estremi li l-ligi tezigi. Il-penali mahsuba fl-artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija wahda ta' ordni pubbliku immirata li tizgura serjeta` fil-process

gudizzjarju u biex ma thallix li l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuza b'abbuz.

F'dan il-kuntest, in linea ta' principju huwa ritenut li dak li tikkundanna l-ligi huwa l-abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja. (Ara **Spiteri vs Camilleri** P.A. deciza fl-10 ta' Jannar 1992, u **John Zarb vs Port Cottonera Limited** P.A. deciza fit-18 ta' Settembru 2002).

Illi kif gie ritenut ukoll, l-abbuz tal-process gudizzjarju *"jigi riskontrat biss f'kazijjiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta'* (**Emanuele Calleja (vs) Carmelo Grima - Kollez. VoL XXXIX.1.24)** *nascenti minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza* ("**Agius (vs) Dott. Carbone nomine" – Kollez. VoL XIII.434),** *fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nelle lite"* ("**Mugliette (vs) Bezzina"** - Kollez. Vol. XXVI.1.405);

Applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami, ir-rikorrent indika li qed jinvoka s-subincizi (b) u (d) ta' dan l-artikolu 836(8) tal-Kap 12.

Illi biex japplikaw id-disposti tal-**artikolu 836 (8) (b)** jrid jkun hemm talba tal-ezekutat għat-tneħħija tal-att kawtelatorju u appuntu f'dawk l-atti l-attur jew jonqos milli jiġġustifika li l-

att kawtelatorju kellu jinħareġ jew illi fi żmien ħmistax-il jum qabel ma jkun sar ir-rikors għall-ħruġ tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-ezekutat li jħallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wieħed likwidu, sabiex jipprovdi sigurtà biżżejjed.

Illi l-proviso ma japplikax billi ma intweriex xi urgenza mehtiega ghall-hrug tal-mandat ta' sekwestru .

Illi fic-cirkostanzi, din il-Qorti hi tal-fehma li ma jezistux cirkostanzi ta' abbuz ta' dritt li jistghu jwasslu ghal din is-sanzjoni punittiva.

Referibbilment ghal dak li jirrigwarda **l-artikolu 836 (8) (d)** din il-Qorti hija soddisfatta li ma gietx ippruvata xi forma ta' malizzja jew vessatorjeta` fiz-zmien meta gie pprezentat ir-rikors ghall-hrug tal-mandat. Illi ghalkemm jigi ribadit, li m'hemmx aktar lok li l-mandat ta' sekwestru odjern jibqa' in vigore meta kkonsidrat li l-pretensjonijiet tal-ezekutanti huma diga kawtelati, ma tressqet l-ebda prova li hija agixxiet b'*mala fede* u b'malizzja meta ntavolat il-mandat imsemmi. Huwa minnu li gew intavolati diversi mandati kawtelatorji, izda gie sottomess fir-risposta, li l-mandati gew segwiti bil-kawzi opportuni in sostenn ghall-pretensjonijiet taghha fir-rigward tal-genituri rispettivi, kwindi, hi ma agixxietx b'mod malizzjuz u vessatorju. Illi gie sottomess ukoll li gew ipprezentati zewg mandati ta' sekwestru, ghas-sehem mill-wirt ta' ommha, u ghas-sehem mill-wirt ta' missierha peress li dawn huma separati u distinti minn xulxin. Ghalhekk, fil-karenza ta' malizzja u vessatorjeta`, dan is-subinciz ma japplikax.

Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma jidhirx li jezistu ebda wahda mic-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 836(8) li jiggustifikaw l-impozizzjoni ta' penali.

**Artikolu 836(9) - Danni**

Illi ghal dak li jirrigwarda t-talba ghall-kundanna ghad-danni, l-artikolu **836(9) tal-Kap 12** jiddisponi :

*(9) Fil-każijiet li jaqgħu taħt is-subartikolu ta' qabel dan, il-qorti tista', meta jsirilha rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ l-att kawtelatorju, tikkundanna lir-rikorrent li fuq talba tiegħu jkun inħareġ il-mandat kawtelatorju sabiex iħallas dawk id-danni lil dik il-persuna li hija setgħet ġarrbet bil-ħruġ tal-mandat, u f'kawżi bħal dawk il-qorti għandha tara u tuża l-iskritturi tal-proċedimenti tal-att kawtelatorju u ta' kull proċediment ieħor li joħroġ jew jitnissel minnu, u dawk l-iskritturi għandhom jitqiesu bħala prova ammissibbli għall-finijiet ta' din l-azzjoni."*

Il-Qorti ma jidhrilhiex li talba bħal din għandha tintlaqa' bil-mod kif saret. Hija l-fehma sħiħa tagħha li talba bħal din tista' ssir biss b'azzjoni ġdida għaliha (illum il-ġurnata permezz ta' Rikors Maħluf) u mhux fil-qafas ta' rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju. Kemm hu hekk, sa ma fl-2005 saru l-bidliet fil-liġi tal-proċedura u fl-atti li bihom jitressqu l-kawżi, l-artikolu 836(9) kien jirreferi għal "ċitazzjoni". Bil-bidla korrispondenti li saret bl-imsemmija emendi, dan ifisser li r-"rikors" li għalih illum jirreferi l-**artikolu 836(9)** irid ikun fis-sura tar-Rikors Maħluf maħsub fl-artikolu 156 tal-Kodiċi. Ghalhekk it-talba odjerna ma

tistax tintlaqa' kif maghmula abbazi tal-artikolu 838(9) billi d-danni ghandhom jintalbu b'azzjoni *ad hoc* b'konsegwenza tal-hrug ta' mandat kawtelatorju (Ara ad ez. **Casino-For-Me Limited vs Chartwell Games(Malta)Limited -** PA(JRM) -27 ta' Awwissu 2008)

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba tar-rikorrent billi **thassar u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru numru 943/16** fl-ismijiet *"Josephine sive Joyce Dimech vs Pasqualino sive Lino Chircop*" kif spjegat abbazi tal-**artikolu 836(1) (c) tal-Kap 12** u konsegwentement tordna r-rilaxx tal-flus kollha depozitati fl-atti tal-istess mandat ta' sekwestru .Tichad it-talbiet rimanenti.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimata.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**6 ta' Dicembru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**6 ta' Dicembru 2016**